MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Appell Civili Numru. 1285/2000/1

**Onor. Dr Gavin Gulia**

**v.**

**Dione Borg u Victor Camilleri**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

**1.** Dan hu appell f'kawza ta' libell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Ottubru 2003. L-

attur, fic-citazzjoni promotrici tieghu presentata fit-22 ta' Gunju 2000, ifisser kif hassu malafamat b'artikolu li deher fil-faccata ta' quddiem (u kompla fuq it-tieni faccata) tal-gurnal ta' nhar ta' Hadd *Il-Mument* tat-18 ta' Gunju 2000. Dana l-artikolu, li kien intestat *"Il-Mahfra ta' Gulia – Gavin Gulia kien ta mahfra lil wiehed mid-distrett tieghu – Dan il-kaz jitnizzel mal-mahfriet l-ohra tal-Gvern Laburista"*, intestatura li, kif ser naraw, ghandha importanza konsiderevoli f'dan il-kaz, kien ighid testwalment hekk:

"Il-kaz ta' mahfra li nghatat fi zmien il-Gvern Laburista lil prigunier tikkonsisti f'mahfra ta' tliet kwarti tas-sentenza moghtija mill-Qorti.

"Din il-mahfra kontroversjali titnizzel mal-mahfriet l-ohra li nghataw fi zmien it-22 xahar ta' Gvern Laburista bejn l-1996 u l-1998.

"Minn informazzjoni li kiseb *il-mument* jirrizulta li l-prigunier involut f'din il-mahfra kien instab hati li fil-5 ta' Lulju 1996 fis-7.15p.m. fil-Qrendi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hsieb waqt li kien qed isuq trakk habat ma' karrozza u kkaguna feriti ta' natura gravi lil mara li kienet fil-periklu imminenti li titlef hajjitha u lil mara ohra u t-tifla.

"Ir-ragel instab hati wkoll li fl-istess kaz ghamel hsara volontarja fuq karrozza ghad-dannu ta' diversi persuni waqt li saq b'mod eccessiv. B'konsegwenza ta' l-incident, l-imputat ma gralu xejn izda t-tifla u l-mara garrbu feriti hfief waqt li l-mara l-ohra fil-karrozza sofriet feriti gravi li konsegwenza taghhom kienet fil-periklu li titlef hajjitha.

"Il-Qorti qalet li l-imputat kien negligenti fis-sewqan tieghu ghaliex ma rrispettax sinjal tat-traffiku biex jieqaf. Mill-mod kif spicca t-trakk u l-karrozza li fiha kien hemm il-persuni l-ohra jirrizulta li t-trakk ta' l-imputat baqa' ghaddej minghajr ma waqaf u b'certu velocita`, qalet il-Qorti, li kompliet li l-verzjoni moghtija mill-akkuzat ma tista' titwemmen qatt.

"Il-Qorti stabbiliet li l-akkuzat kien unikament responsabbi ghall-incident bil-konsegwenzi kollha tieghu. Il-mara li

sofriet griehi gravi f'dan l-incident ghadha ssofri 10 fil-mija ta' dizabilita` permanenti.

"Fis-**17 ta' Novembru 1997** il-Magistrat Antonio Mizzi kkundanna lill-akkuzat ghal sitt xhur prigunerija. L-akkuzat appella mis-sentenza quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef Patrick Vella li ta sentenza fis-**17 ta' Gunju 1998.**

"Il-Qorti ta' l-Appell qablet f'kollox mal-konkluzjonijiet ta' htija kriminali assoluta fuq l-appellant u ma varjatx is-sentenza ta' l-ewwel Qorti. Dwar il-piena, l-Imhallef Patrick Vella qal li l-Qorti tikkunsidra li nies li jsuqu b'dan il-mod huma ta' periklu kbir ghas-socjeta` u ghas-sewwieqa l-ohra.

"Fid-**19 ta' Gunju 1998**, l-Avukat Difensur tal-Prigunier kiteb petizzjoni lill-President ta' Malta li fiha talab biex il-President jezercita l-poteri tieghu dwar mahfra. Din it-talba, skond il-procedura, marret ukoll ghand Gavin Gulia, li dak iz-zmien kien Ministru tal-Gustizzja.

"Dwar din il-mahfra, il-Ministru ta' dak iz-zmien Gavin Gulia kien ha l-pariri tal-Kummissarju tal-Pulizija u anki ta' l-Avukat Generali. Mill-informazzjoni li ghandu *il-mument* jirrizulta li l-Avukat Generali kien informa lill-ex Ministru Gavin Gulia dwar il-gravita` ta' l-akkuzi li dwarhom l-akkuzat kien instab hati.

"Id-decizjoni finali mill-Ministru tal-Gustizzja ta' dak iz-zmien Gavin Gulia ttiehdet fl-**14 ta' Lulju 1998.** Bhala Ministru tal-Gustizzja Gavin Gulia kien qabel li l-kaz u l-akkuzi li dwarhom l-akkuzat kien instab hati kienu gravi izda min-naha l-ohra sostna li kien hemm okkazjonijiet fejn il-qrati taw pieni inqas iebsa minkejja l-gravita` tal-kaz.

"Ghal dawn ir-ragunijiet Gavin Gulia, bhala Ministru tal-Gustizzja, kien irrakomanda li l-President jaccetta r-rakkomandazzjoni biex il-prigunier ikollu sentenza mnaqqsa minn sitt xhur ghal xahrejn habs. Ghalhekk bil-mahfra tieghu Gavin Gulia hafer erba' xhur lil dan il-prigunier li kien mid-distrett eighu.

"Il-kaz tal-mahfra moghtija minn Gavin Gulia bhala Ministru tal-Gustizzja fi zmien il-Gvern ta' Alfred Sant kien zvelat fil-Parlament mill-Ministru ta' l-Intern Tonio Borg din il-gimgha. Fil-Parlament, il-Ministru Tonio Borg qal li l-mahfra nghatat lil persuna mid-distrett elettorali ta' Gavin Gulia.

"Il-kaz ta' din il-mahfra ma kienx l-ewwel kaz ta' mahfra moghtija lill prigunier fi zmien il-Gvern Laburista. F'Jannar 1998 mill-Kabinett Laburista kien irrizenja Charles Mangion minn Ministru tal-Gustizzja. Mangion kien irrizenja minhabba mahfra lil persuna li kienet instabet hatja ta' pussess tad-droga u kienet kundannata l-habs. F'dan il-kaz lil dan il-prigunier kien inhafirlu xahar prigunerija.

"Mahfra ohra moghtija mill-Gvern Laburista kienet dik wara r-rebha elettorali ta' l-1996 li minnha bbenefikaw zewg prigunieri li nstabu hatja tal-qtil u s-swat ta' anzjana. Dawn il-prigunieri kienu hargu mill-habs b'rizultat tal-mahfra moghtija mill-Gvern Laburista ta' Alfred Sant.

"Mhux maghruf jekk il-Kabinett Laburista kienx infurmat bil-mahfra moghtija minn Gavin Gulia, jekk kienx hemm aktar bhalha u ghaliex inzammet mistura.

"Mitlub jikkummenta minn *il-mument*, l-Avukat Gulia qal li hu jixtieq li l-Ministru Tonio Borg jirrepeti barra dak li qal fil-Parlament, bl-istess mod kif qalu fil-Parlament biex hu jkun jista' jiehu passi legali.

"Qal ukoll li jikkunsidra l-artiklu li qed nippublikaw il-lum beix jara jekk ghandux jiehu passi legali."

**2.** Dan l-artikolu nkiteb minn Dione Borg. Victor Camilleri kien l-editur tal-gurnal fid-data tal-pubblikazzjoni (effettivament ma hemm ebda kontestazzjoni dwar il-kariga li kien jokkupa dan Camilleri). Fic-citazzjoni tieghu l-attur talab li l-Prim Awla tal-Qorti Civili (1) tiddikjara li l-istess konvenuti tawh malafama b'dan l-artikolu hekk stampat bil-ghan li jtellfulu u jnaqqsulu r-reputazzjoni

tieghu, u (2) tikkundannahom ihallsuh dik is-somma li tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li huwa sofra bl-istess pubblikazzjoni. Borg, ghalkemm debitament notifikat bic-citazzjoni, baqa' kontumaci, filwaqt li Camilleri, permezz ta' nota datata 2 ta' Novembru 2000, eccepixxa hekk:

"Illi l-pubblikazzjoni de quo tammonta ghal 'fair comment' dwar fatti sostanzjalment korretti. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

**3.** L-ewwel Qorti, bis-sentenza moghtija, kif inghad, fit-13 ta' Ottubru 2003, laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' hames mitt lira (Lm500), kif ukoll l-ispejjez tal-kawza. Biex waslet ghal din il-konkluzjoni, l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

"Skond l-Artikolu 11 tal-Kap 248 il-malafama tikkonsisti fl-attribuzzjoni lil persuna ta' fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama taghha, jew li jesponuha ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku.

"Il-kritika hi fondamentali f'socjeta` demokratika, pero` dejjem hemm il-limiti. Dawn il-limiti f'kazijiet bhal dan li jkunu ta' interess pubbliku generali, ghandhom ikunu wesghin kemm jista' jkun, b'mod partikolari meta hemm involuti persuni pubblici bhal ma huwa l-attur.

"Skond gurisprudenza ricenti d-dritt ta' l-espressjoni permezz ta' l-istampa ghandu jinghata nterpretazzjoni wiesgha, b'tali mod li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kritika harxa u azzardata tista' tigi wkoll permessa dejjem sakemm din tkun entro l-limiti ta' dak li hu ragonevoli (ara Appelli Civili, **Fenech v. Callus et** - 4 ta' Frar, 1994; **Sant v. Camilleri et** - 14 ta' Frar, 1994; u **Mons A Gauci v. M. Schiavone et** - 8 ta' Novembru, 1995).

"Ghalhekk f'kazijiet li jkunu ggeneraw interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu nvoluti persuni pubblici l-limiti tal-

kummenti huma wiesghin pero` hemm dejjem limiti. Tali limiti huma dettati fuq kollox minn dak li hu ragjonevoli, minn dak li hu dicenti u minn dak li jista' jkun accettat fis-socjeta` in partikolari. Hemm ukoll id-dritt li kull persuna, pubblika o meno, li tigi tutelata kemm fil-persuna taghha kif ukoll fil-fama taghha. Implikazzjonijiet, minghajr fondament, maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibilment ghal raguni politika...ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li qajjmu nteress pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici" (ara **Onor. Dr. J. M. Fenech v. L. Cauchi et** A.C. JSP 16/1/2002).

"Illi konsistenti ma' dan il-principju jsegwi li "kemm-il darba l-fatti hemm allegati ma jirrizultawx li huma veri, allura dak li hemm fihom addebitat lill-attur huma fatti ngurjuzi ghall-ahhar": **Edgar Bonnici Cachia v. Dr. Michael Frendo et noe** (P.A. (JF) 27 ta' April 1999 – Vol. LXXII. Pt 3/V pg 792).

"L-attur qed jissottometti li l-messagg li l-artikolu, fl-assjem tieghu, jaghti lill qarrej ordinarju huwa li l-attur ikkometta xi rregolarita` u abbuza mill-kariga tieghu bhala ministru biex jaqdi persuna mid-distrett tieghu bi skopijiet politici. L-artikolu ma llimitax ruhu ghal rapport bona fide ta' dak li nghad fil-Parlament izda jaghmel allegazzjoni cara ta' rregolarita`. Dan kemm bil-mod kif gie prezentat l-artikolu; kemm bl-irbit ma kazijiet ohra mfissra fl-artikolu bhala "kontroversjali" u li wasslu ghar-rizenja ta' Ministru; kemm bl-enfasizzar li l-kaz kien wiehed gravi; kemm bl-ommissjoni tal-fatti, inkluzi dak li l-Avukat Generali kien favorevoli ghat-tnaqqis fil-piena nflitta. Fl-assjem il-konvenuti ma tawx stampa vera tal-fatti izda bnew storja bl-iskop li jattakkaw l-unur u l-fama ta' l-attur.

"Il-konvenut Camilleri jikkontendi li l-pubblikazzjoni de quo kienet tikkontjeni fatti veri u l-kummenti relattivi kienu fil-limiti permissibbili f'demokrazija u ghalhekk mhux libelluzi. Jikkontendi inoltre li l-artikolu ma qed jimplika xejn; qed jghid fatti veri u korretti u qed jesprimi opinjoni li l-attur ma agixxiex korrettement f'din il-kwistjoni u dwar din tista' taqbel jew ma taqbilx mieghu. Dan hu "*value judgement*"

bazat fuq fatti veri u korretti u dina l-opinjoni ma hiex "*susceptible of proof*" ghalhekk mhiex libelluza.

"Illi l-artikolu nkriminat deher fil-gazzetta "Il-Mument" fl-ewwel pagna, u jkompli fit-tieni pagna, tal-harga tal-istess gurnal tal-Hadd 19 ta' Gunju, 2000, intestat "Il-Mahfra ta' Gulia" li permezz tieghu l-konvenuti allegaw fost ohrajn li l-attur, meta kien jokkupa l-kariga ta' Ministru tal-Gustizzja, kien ta' mahfra minn sentenza ta' habs lil "wiehed mid-Distrett tieghu".

"Dan l-artikolu kien deher in segwitu ghal diskors li kien sar fil-Parlament mill Onor. Dr. Tonio Borg fil-15 ta' Gunju 2000 fejn dana kien irrisponda ghall mozzjoni ta' censura li kien ghamel l-attur lill istess Dr. Borg dwar harbiet mill-habs ta' Kordin.

"Dwar l-istess mahfra kien inkiteb artikolu sentejn qabel, u cjoe fit-30 ta' Awissu, 1998 fl-Indipendent (ara fol. 23 u 28).

"Meta wiehed iqabbel dak li qal il-Ministru Dr. Tonio Borg fil-Parlament u l-artikolu inkriminat u dak li nkiteb fl-Independent[1] wiehed jinduna ghaliex l-artikolu inkriminat huwa wiehed libelluz u malafamanti.

---

[1] L-artikolu fil-gurnal The Malta Independent tat-30 ta' Awissu 1998 saret referenza ghalih mill-attur stess biex, skond hu, juri li l-kaz kien diga` gie mxandar sentejn qabel, u ghalhekk ma kien hemm xejn "mistur", u li dak iz-zmien hadd ma allega xi irregolarita` da parti tieghu (cioe` ta' l-attur). Dana l-artikolu kien ighid hekk: "A man who was given a six month prison sentence after having been found guilty of involuntarily blinding a woman in one eye as a result of a traffic accident, was granted a Presidential pardon on the advice of Justice Minister Gavin Gulia. As a result the man spent only two months at Corradino. In November 1997, the man, Joseph Zahra, was found guilty of a series of charges related to the accident. He was sentenced to six months in prison and his driving licence suspended for two years. On 17 June 1998 a Court of Appeal confirmed the six month sentence. But a month later, on 16 July, the man was granted a Presidential pardon after a request by Minister for Justice Gavin Gulia. According to court records, the accident happened at Qrendi on 5 July 1996 at 7.15pm when Zahra was driving a Bedford freezer truck in Qrendi and crashed into a Lada which smashed into another car in front. Zahra was unhurt but Mary Assunta Farrugia who was driving the Lada was seriously injured and lost the sight in her right eye. Mrs Farrugia was immediately admitted to hospital. She suffered several other including a head wound, damage to the right optic nerve, a ruptured right collar bone, second rib, forearm and diaphragm. Mrs Farrugia remained with a permanent residual disability besides the complete loss of vision from her right eye. The Magistrates Court had concluded that Zahra had been driving negligently, did not halt at a stop sign, and driving at excessive speed." (ara Dok. A fol. 23) – Nota tal-Qorti ta' l-Appell.

“Il-Ministru Dr. Tonio Borg fil-Parlament kien qal hekk:

*Jiena qatt ma ffirmajt amnestija biex xi hadd fid-distrett tieghi johrog mill-habs erba xhur qabel iz-zmien wara li kien ikkaguna dizabilita` fizika fuq persuna ohra wara incident. Jien qatt m’ghamilt dawn l-affarijiet. Allura dakinhar ghax ma rrizenjajtx int.Onor. Gulia!* (ara fol. 37).

“L-Independent kienet irrapportat l-istess mahfra sentejn qabel (ara fol. 38) u mkien ma jissemma li dina l-mahfra inghatat lill dina l-persuna ghax kienet mid-distrett ta’ l-attur jew issemmiet xi rregolarita` fil-konfront ta’ l-attur.

“Meta xehed il-Ministru Dr. Tonio Borg dana qal li meta vverifika mal-*file* hu sab li kien veru li kienet inghatat mahfra; kien veru li kienet tnaqqset is-sentenza; kien veru li dina l-persuna kienet instabet hatja ta’ offiza gravi nvolontarja; kien veru li kien hemm sentenza tal-prim istanza u ta’ l-Appell li ma ddisturbawx is-sentenza ta’ prigunerija.

“Izda dak li ma jinghadx ukoll, anke fl-artikolu nkriminat, huwa li l-Avukat Generali kien irrakkomanda li t-talba ghall mahfra tintlaqa’ in parti; li t-talba ghal mahfra mxiet skond il-proceduri normali li solitu jigu segwiti f’kazijiet simili (ara xhieda Dr. Joseph Galea Debono li unikament kien ha l-inizzjattiva li jressaq petizzjoni lill-President ta’ Malta); li l-attur la kien jaf lill dina l-persuna u lanqas il-familja taghha; li ma kien hemm xejn “mistur” f’dan il-kaz jew li kien hemm bzonn awtorizzazzjoni tal-Kabinett.

“A differenza ta’ dak li inkiteb sentejn qabel fil-gazzetta Independent, u ta’ dak li ntqal fil-Parlament, l-artikolu inkriminat jiehu l-ispunt biex jattakka lill attur u ghati messagg li qarrejja li l-attur fil-qadi ta’ dmirijietu ghamel xi rregolarita` biex jaqdi persuna mid-distrett tieghu bil-ghan li jakkwista vantagg minn ghandu jew jaghtih vantagg li mhux misthoqq. L-artikolu mhux qed ighid biss li nghatat dina l-mahfra u li ma jaqbilx maghha imma qed jimplika li dina l-mahfra inghatat ghax il-persuna koncernata kienet

mid-distrett ta’ l-attur. Huma attribwew malizzjozament motiv politiku lill attur fil-qadi ta’ dmirijietu.

“Dan jirrizulta kemm mit-titolu ta’ l-artikolu b’ittri homor kbar u bir-ritratt ta’ l-attur fuq l-ewwel pagna, kif ukoll mill-kontenut ta’ l-artikolu partikolarment fit-tieni parti tieghu fejn jimplika dina l-inkorrettezza da parti ta’ l-attur. L-artikolu jassocja dana l-kaz ma kazijiet ohra ‘kontroversjali’ ta’ mahfra taht il-Partit Laburista moghtija f’Jannar 1998 meta kien irrezenja l-Ministru Charles Mangion u ma mahfra ohra fil-1996 in konnessjoni ma qtil u swat ta’ persuna anzjana.

“L-artikolu jsemmi li l-Avukat Generali kien informa lill attur dwar il-gravita’ ta’ l-akkuzi li dwarhom l-akkuzat kien instab hati, izda jhalli barra li l-Avukat Generali kien irrakkomanda li t-talba ghall-mahfra tintlaqa’ in parti.

“L-artikolu jsemmi wkoll li mhux maghruf jekk il-Kabinett Laburista kienx infurmat bil-mahfra moghtija mill-attur u ghaliex dina nzammet mistura, meta fil-fatt il-Kabinett ma kellux bzonn ikun infurmat f’kazi bhal dawn billi dina kienet fid-diskrezzjoni tal-ministru u ma kien hemm xejn mistur kif implikat.

“Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li bl-enfasizzar zejjed li sar f’dan l-artikolu u anke bl-ommissjoni tal-fatti l-konvenuti ma tawx stampa vera tal-fatti izda bnew storja bl-iskop li jattakkaw l-unur u l-fama ta’ l-attur. Skond l-awtur Gatley ‘On Libel and Slander’ (pagna 82 disgha edizzjoni) “*The ordinary and natural meaning may therefore include any implication or inference which a reasonable reader guided by general knowledge would draw from the words.’ ‘More often the sting is not so much in the words themselves as in what the ordinary man will infer from them*’.

“Ghal dawn il-motivi l-Qorit tiddeciedi billi:

“Tiddikjara illi l-pubblikazzjoni suriferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur u li tesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku;

"Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) bhala danni b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 ta' Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti."

## L-appell tal-konvenuti

**4.** Il-konvenuti appellaw permezz ta' rikors presentata fid-29 ta' Ottubru 2003 (fol. 84). L-aggravji taghhom huma, bazikament tnejn. L-ewwel aggravju hu fis-sens li, skond huma, l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni skorretta tal-fatti. Skond l-appellanti, l-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "l-unika persuna li ghandha s-setgha li tiehu decizjoni dwar mahfra ta' piena huwa l-Ministru tal-Gustizzja", u li l-President ta' Malta jrid bilfors jimxi fuq id-decizjoni tal-imsemmi Ministru. Ighidu li bhala fatt f'dan il-kaz il-Ministru (l-attur) "ma accetta r-rakkomandazzjoni ta' hadd u ha d-decizjoni hu u hu biss". Skond l-appellanti, il-kumment ta' l-ewwel Qorti li "l-artikolu halla barra xi dettalji dwar il-fatti mhix korretta", u li l-fatti riportati kienu sostanzjalment korretti. It-tieni aggravju ta' l-appellanti huwa sostanzjalment fis-sens li skond il-gurisprudenza trid issir distinzjoni bejn "facts" u "value judgements", u l-kumment jew "value judgement" (jew opinjoni), anke "azzardat u offensiv huwa protett mid-dritt fondamentali tal-liberta` tal-espressjoni". Ghalhekk huma talbu t-thassir tas-sentenza appellata.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

**5.** Din il-Qorti sejra tikkonsidra l-ewwel it-tieni aggravju. Kif din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` f'diversi okkazjonijiet – ara, fosthom, is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tas-17 ta' Gunju 2005 fl-ismijiet ***L-Onor. Avukat Dott. Louis Galea v. L-Onor. Prim Ministru Dottor Alfred Sant*** – li tosserva huwa minnu li wiehed ghandu kull dritt li jikkummenta, anke b'mod qawwi, dwar fatti, basta li dawk il-fatti jkunu <u>sostanzjalment</u> veri ossia

korretti. Huwa veru wkoll li, fil-kuntest tal-politika kif ukoll fil-kuntest ta’ materji li jkunu *“of serious public concern”* il-margini u l-latitudni moghtija ghall-kritika hija wahda ferm wiesgha. Kif inghad mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ***Lingens v. Austria*** [2] u kif ormaj accettat fil-gurisprudenza taghna:

**“The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10(2) enables the reputation of others – that is to say of all individuals – to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues…In the Court’s view, a careful distinction needs to be made between facts and value-judgments. The existance of facts can be demonstrated, whereas the truth of value-judgments is not susceptible of proof.”** (paras. 42-43).

U kif intqal fil-kawza ***Gorton v. Australian Broadcasting Commission***[3]

**“It is one thing to comment upon, or criticise, even with severity, the acknowledged or proved acts of a public man, and quite another to assert that he has been guilty of particular acts of misconduct.”**

Mill-banda l-ohra, huwa wkoll recepit fil-gurisprudenza taghna li l-malafama tista’ tinghata mhux biss b’mod dirett

[2] A.103 (1986) 8 EHRR 407.
[3] (1973) 22 F.L.R. at p. 190.

u esplicitu, izda anke b'mod indirett jew implicitu – permezz ta' insinwazzjoni jew *innuendo*:

**"What the ordinary man would infer without special knowledge has generally been called the natural and ordinary meaning of words. But that expression is rather misleading in that it conceals the fact that there are two elements in it. Sometimes it is not necessary to go beyond the words themselves, as where the plaintiff has been called a thief and a murderer. But more often the sting is not so much in the words themselves as in what the ordinary man will infer from them, and that is also regarded as part of their natural and ordinary meaning [4]…The ordinary and natural meaning of words may be either the literal meaning or it may be implied or inferred or an indirect meaning; any meaning that does not require the support of extrinsic facts passing beyond general knowledge but is a meaning which is capable of being detected in the language used can be part of the ordinary and natural meaning…The ordinary and natural meaning may therefore include any implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only by general knowledge, and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the words. [5]" [6]**

Fil-fehma tal-Qorti anke fatti sostanzjalment veri jistghu jigu mqieghda b'tali mod li "the natural and ordinary meaning of [the] words" ikun effettivament jammonta ghal <u>affermazzjoni ta' fatt malafamanti</u>. Kif jinghad f'**Gatley on Libel and Slander**[7]:

[4] Lord Reid fil-kawza ***Lewis v. Daily Telegraph*** [1964] A.C. 234, 258. U fl-istess kawza Lord Devlin qal hekk: "There must be added to the implications which a court is prepared to make as a matter of construction all such insinuations and innuendoes as could reasonably be read into them by the ordinary man" – 280.
[5] ***Jones v. Skelton*** [1963] 1 W.L.R. 1362, 1370-1371.
[6] Ara generalment **Gatley on Libel and Slander** Sweet & Maxwell (London) 2004 (10th. ed.), para. 3.16, pagni 93-95.
[7] *ibid.*

**"It is immaterial whether the defamatory imputation is conveyed by words of direct assertion or by suggestion, for insinuation may be as defamatory as an explicit statement and even more mischievous. Similarly words may be defamatory even though they are used in an interrogative form, and in principle the same should apply if they are used in a hypothetical way, so long as in the context in which they are used they may reasonably be interpreted to convey the truth. The tendency and effect of the language, not its form, is the criterion and a defendant cannot defame and escape the consequences by dexterity of style. 'The results of a calumnious falsehood arise from the impression which it – all of it, including reservations, cautions, and all the rest – makes upon the minds of the readers, an impression which may be quite apart from any artificial restriction which the author of the falsehood sought to impose'."**[8]

Fi kliem iehor, jekk min jikteb, ghalkemm izewwaq jew ilahham il-kitba b'fatti veri, fl-istess hin ikun qieghed kjarament, bl-uzu ta' certi kliem, espressjonijiet, ommissjonijiet, jimputa fatt malafamanti lil xi persuna – fatt malafamanti li l-qarrej ordinarju jkun jista' jintravvedi f'dik il-kitba, ghalhekk jinghad <u>kjarament</u> – wiehed ma jistax jeccepixxi il-"fair comment" fir-rigward ta' dik l-imputazzjoni izda, se mai, irid jipprova <u>li dak il-fatt hekk imputat huwa minnu</u>, ossia jeccepixxi l-verita` tal-fatt.

**6.** Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa s-sentenza appellata, ma tarax li l-ewwel Qorti ghamlet xi interpretazzjoni skorretta tal-ligi, bil-konsegwenza li t-tieni aggravju huwa infondat. Ghalhekk din il-Qorti sejra issa tapplika l-principji legali appena enuncjati fid-dawl ta' dak li rrizulta mill-provi, u f'dan is-sens tghaddi biex tezamina l-ewwel aggravju tal-appellanti.

**7.** Kwantu ghal dana l-ewwel aggravju, apparti li l-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ma jghidx li d-decizjoni dwar mahfra

[8] *ibid.* para. 3.16, p. 94

jehodha l-Ministru tal-Gustizzja – se mai tali decizjoni, in kwantu hija parir li fuqu l-President irid jimxi, tittiehed skond l-Artikolu 85 tal-Kostituzzjoni – il-qofol tat-tezi tal-attur appellat hija li bin-nisga tal-artikolu gie imputat lilu, ankorke` b'mod ta' insinwazzjoni, fatt partikolari u cioe` li hu kien abbuza mill-poter tieghu biex, fi kliem is-sentenza appellata "…jaqdi persuna mid-distrett tieghu bil-ghan li jakkwista vantagg minn ghandu jew jaghtih vantagg li mhux misthoqq". Tali imputazzjoni ta' fatt, ta' abbuz, tirrizulta cara mis-segwenti cirkostanzi mehudin flimkien u cioe` --

**i**. ir-ripetizzjoni, taparsi kazwali, li l-persuna li lilha nghatat il-mahfra kien mid-distrett li minnu jigi elett l-attur (intestatura: "Gavin Gulia kien ta' mahfra lil wiehed mid-distrett tieghu"; "Ghalhekk bil-mahfra tieghu Gavin Gulia hafer erba' xhur lil dan il-prigunier li kien mid-distrett tieghu"; "…il-Ministru Tonio Borg qal li l-mahfra nghatat lil persuna mid-distrett elettorali ta' Gavin Gulia";

**ii**. il-kwalifika fil-bidu tal-artikolu li l-mahfra kienet wahda "kontrovesjali", u l-assocjazzjoni aktar tard fl-artikolu ta' din il-mahfra ma' mahfra (ta' periodu anqas ta' prigunerija) li kienet inghatat fuq rakkomandazzjoni tal-allura Ministru Charles Mangion li minhabba fiha l-istess Mangion kellu jirrizenja;

**iii**. l-affermazzjoni li l-Avukat Generali, meta ntalab jaghti parir, "kien informa lill-ex Ministru Gavin Gulia dwar il-gravita` tal-akkuzi li dwarhom l-akkuzat kien instab hati" – fatt fih innifsu veru – bl-ommissjoni pero` (ommissjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti kienet malizjuza ghax l-artikolist evidentement kellu a disposizzjoni tieghu l-informazzjoni kollha dwar il-kaz) li l-istess Avukat Generali kien irrakkomanda mahfra ta' parti mill-piena karcerarja (kif jirrizulta mid-deposizzjoni tal-Onorevoli Dr Austin Gatt[9]);

---

[9] Fol. 55, 56. Dana x-xhud qara l-parir li kien ta l-Avukat Generali lill-attur u li kien jghid hekk (skond id-deposizzjoni kif traskritta tax-xhud): "The case in which petitioner was very serious one which resulted in a person being blinded and could have resulted even in death. The punishment granted was within the parameters established by parliament as a direction to the Court and the two Courts (first instance and appeal) chose to grant the penalty in its maximum and one should be reluctant to disturb the discretion exercised by the Court within the parameters established by Law. Having said that one must also state that this is perhaps the first time that a prison sentence was awarded in the case of involuntary bodily harm in a traffic accident and therefore granting a sentence in the maximum in the first occasion may be excessive. However it is right that one is firm in these cases. My suggestion is that the sentence be reduced from imprisonment for six

**iv**. il-mistoqsija retorika jekk il-kabinett kienx gie infurmat b'din il-mahfra – meta fir-realta` din ma kienetx mahfra li skond il-procedura l-Kabinett kellu jigi infurmat biha – kif ukoll il-mistoqsija, wkoll retorika, ghala din il-mahfra inzammet mistura – meta ma jirrisultax li kienet fil-fatt inzammet mistura: "Mhux maghruf jekk il-Kabinett Laburista kienx infurmat bil-mahfra moghtija minn Gavin Gulia, jekk kienx hemm aktar bhala u ghaliex inzammet mistura".

**8.** Kieku l-artikolista llimita ruhu li jikkritika, anke b'mod iebes pero` b'mod oggettiv, is-sistema kollha tal-ghoti tal-mahfriet – li effettivament taghti lok li l-Ezekuttiv joqghod jaghmilha ta' gudikant u jbaghbas fis-sentenzi tal-Gudikatura anke meta ma jkun hemm ebda zball gudizzjarju jew ebda ragunijiet umanitarji jew bzonn ta' mahfra biex persuna tkun tista' tixhed kontra persuna ohra – jew anke kieku llimita ruhu li jikkritika l-mahfra partikolari li nghatat lis-sewwieq in kwistjoni – li kienet zbaljata, eccessiva (ghax spicca biex ta mahfra aktar milli kien irrakkomanda l-Avukat Generali), stupida, intromissjoni fil-poter Gudizzjarju – Borg kien ikun mhux biss qed jezercita dritt tieghu izda jwettaq ukoll obbligu korrispondenti li jinforma lill-pubbliku dwar materja ta' interess pubbliku. Kjarament, pero`, l-iskop ta' l-artikolista ma kienx dan, izda li, fuq spunt li ha minn dak li nghad mill-Ministru Tonio Borg fil-Parlament waqt dibattitu fuq mozzjoni ta' sfiducja fl-istess Ministru[10], jimputa fatt malafamanti fil-konfront ta' l-attur. Minkejja l-margini wiesgha u l-latitudini moghtija ghall-kritika, anke iebsa, fil-kuntest politiku jew ta' materji ta' interess pubbliku, anke n-nies fil-politika ghandhom id-dritt li jittutelaw il-fama u r-reputazzjoni taghhom meta jigi affermat fil-konfront taghhom fatt inveritjier u li jkun malafamanti.

**9.** Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara xejn x'ticcensura fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti fir-rigward ta' l-apprezzament tal-fatti u l-konkluzjoni li waslet ghaliha.

---

months to imprisonment for three months with the other provisions thereof remaining unchanged."

[10] Ara d-deposizzjoni tal-Onor. Dr Tonio Borg, fol. 39 *et seq.*

**Decide**

**10.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu mill-konvenuti appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------